

V

(Avviżi)

**PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****DEĊIŻJONI SABIEX TINGĦALAQ IL-PROCĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI WARA L-IRTIRAR MINN STAT MEMBRU****Għajjnuna mill-Istat – Il-Greċja****(L-Artikoli 107 sa 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)****Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE – irtirar ta' notifika****Għajjnuna mill-Istat C 21/09 – (ex N 105/08, N 168/08 u N 169/08) – Il-Greċja****Il-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura u t-tagħmir fil-port ta' Piraeus – parti notifikata fl-ambitu tal-każ ex N 169/08****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2012/C 402/10)**

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE, mibdija fit-13 ta' Lulju 2009 <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-iffinanzjar tal-akkwist ta' tagħmir tat-tagħbija u tal-ħatt fit-taqsimi tat-Terminal tal-Kontejners tal-Port ta' Piraeus (notifikat taħt N 169/08), u ħadet nota tal-fatt li l-Greċja rtirat in-notifika fl-1 ta' Ottubru 2010 u mhux se tkompli taħdem aktar fuq dan il-proġett li jinvolvi għajjnuna.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 245, 13.10.2009, p. 21.